## GUDIKATUR: DR. PHILIP MANDUCA LL.D.

## Seduta ta' nhar it-Tnejn, 16 ta' Lulju 2001

**Avviz. Nru. 45/01 PM**

**Practical Trading Co. Ltd**

**Vs**

**Mario Magro**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi presentat fit-22 ta' Jannar 2001 fejn s-socjeta' attrici talbu li l-konvenut jhallas Lm192.24 rapprezentanti bilanc minn prezz ta' merkanzija mibjugha u konsenjata lill-konvenut.

Ra in-nota ta' eccezzjonijiet tal-konvenut li eccepixxa li: "l-merkanzija konsenjata lill-mart l-attur regghet inghatat lura lill-istess socjeta' attrici".

Ra id-dokumenti esebiti mill-atturi (Kontijiet u ittra minghand il-konvenut immarkata Dok DS1).

Ra li fit-23 ta' Marzu 2001 xehdet il-P.L. Davina Sullivan prodota mis-socjeta attrici fejn qalet li l-konvenut baghat lura parti mill-merkanzija lis-socjeta attrici li kienet kollha skaduta. Is-socjeta attrici ma accettatx pagament bin-nifs.

Ra li fis-26 ta' April 2001 xehed Steve Sullivan in rapprezentanza tas-socjeta attrici fejn qal li l-oggetti ritornati ma' kellhomx valur peress li kienu skaduti. Il-konvenut irritorna ix-xoghol wara li ghalaq il-hanut.

Ra li fis-17 ta' Mejju 2001 xehed Charles Axisa prodott mis-socjeta' attrici ikkonferma dak li qal Steve Sullivan.

Ra li fil-31 ta' Mejju 2001 xehed il-konvenut fejn qal li meta ghalaq il-hanut gew l-agenti kollha minbarra s-socjeta' attrici. Il-konvenut baghat il-merkanzija lura lis-socjeta' attrici li ammontaw izjed min Lm200.Il-konvenut qal li l-merkanzija kienet ghada tajba meta intbaghtet. Is-socjeta' attrici qalet li dan ix-xoghol kienu rmewh.

Ra li fl-istess seduta xehdet Marika Magro, mart il-konvenut fejn ikkonfermat dak li qal il-konvenut.

Ikkunsidrat

1. Il-konvenut ma gabx provi li l-oggetti inbieghu lilu "on a sale term basis"

2. Il-konvenut naqas li jipproduci bhala xhud il-persuna li ha l-oggetti lura.

3. Il-konvenut naqas li jesebixxi ircevuta mis-socjeta' attrici ta l-oggetti ritornati.

4. Fl-ittra tieghu tal-31 ta' Ottubru 2000 il-konvenut jghid li l-kont Lm192.24 ma jistax ihallasha f'daqqa u jitlob li jhallas b'pagamenti bin-nifs.

Li kieku il-ftehim kien li is-socjeta' attrici taccetta kollox lura ghas-saldu zgur li l-konvenut kien jinsisti fuq dan il-ftehim u mhux jitlob zmien biex ihallas.

Ghal dawn ir-ragunijiet l-eccezzjoni tal-konvenut hija michuda u billi t-talba attrici giet sodisfacentement ppruvata, tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici l-ammont kif mitlub bl-imghax mill-10 ta' Lulju 2000.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**Av. Philip Manduca**

**Gudikatur**